



San Frangisk t'Assisi

Li ħalla b'wirt

Lil uliedu

Il-ħarsien tal-Art Imqaddsa

Tal-Palestina

Il-Ħmistax-il-Sena OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1969 Għadd 4.

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Il-Ħmistax-il-Sena OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1969 Għadd 4.


## X'FIH DAN IL-GĦADD


IL-VERB TLAĦĦAM...... U GĦAMMAR FOSTNA (Id-Direzzjoni) 97

### L-EWWEL TAQSIMA — DAWL

Sura Kbira Biblika — Mosè ... ... ... ... ... ... 98
L-Istilla tal-Fidda Misruqa f'Betlehem (P.A. Arco O.F.M.) ... ... 102
Betlehme fil-Jiem tal-Milied u tat-Tre Rè (P. Tonin) ... ... 106
Il-Mirkeb fi żmien il-Bibbja (P. Norbert Ellul Vincenti O.F.M.) ... 110
Il-Bir ta' Ġakobb jew tas-Samaritana (P. Mikiel Catania O.F.M.) 113

### IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA

Karlu l-Kbir, Re tal-Franki u l-Art Imqaddsa (P.N.C.M.) ... ... 117
Ir-Rabta taż-Żwieġ fost il-Musulmani ... ... ... ... ... 121
Pawlina tal-Markiżi ta' Nikolay (P.N.M.) ... ... ... ... 124
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... 127
Mejtin ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 128



*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# U L-VERB TLAHHAM...
# U GHAMMAR FOSTNA

*F'dak iż-żmien tnieda digriet minn Cesri Awgustu biex tinkiteb id-dinja kollha. Din l-ewwel li saret meta kien Kirinus gvernatur tas-Sorija. U kienu jmorru kollha jinkitbu, kull wieħed f'beltu. Tela' Ġużeppi wkoll mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, fil-Lhudija, fil-belt ta' David, li jisimha Betlehem, billi hu kien mid-dar u mill-familja ta' David, biex jinkiteb ma' Marija, l-għarusa tiegħu, li kienet tqila. U meta kienu hemm għalqilha ż-żmien li teħles, u wildet l-ewwel tifel tagħha u fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm wisa' għalihom fil-Qhan (fil-lukanda). Kien hemm xi ragħajja f'dik in-naħa jgħaddu l-lejl fir-raba' u jħarsu l-imrieħel tagħhom. Dehrilhom anġlu tal-Mulej, u sebħ il-Mulej idda madwarhom, u qabadhom biża' kbir. U qallhom l-anġlu: "La tibżgħux! għax, ara, sa nħabbrilkom ferħ kbir, li jkun għall-poplu kollu. Tweldilkom il-lum fil-belt ta' David. Hellies, li hu l-Messija, il-Mulej. U dan ikun għalikom għelm: issibu tarbija mfisqija, mimduda f'maxtura". U dlonk ingħaqdet ma' l-anġlu kotra ta' qtajja' tas-sema jfaħħru 'l Alla u jgħannu: "Sebħ 'l Alla tas-smewwiet, u sliem fuq l-art lill-bnedmin ta' rieda tajba!"*

*Malli telqu l-anġli minn ħdejhom lejn is-sema, ir-ragħajja bdew igħidu lil xulxin: "Ha mmorru sa Betlehem u naraw dil-ħaġa li ġrat u li l-Mulej għarrafna". U marru jgħaġġlu, u sabu lil Marija u lil Ġużeppi u t-tarbija mimduda fil-maxtura. Malli raw, ħabbru dak li kienu qalulhom fuq dik it-tarbija. U dawk kollha li semgħu baqgħu mistagħġbin b'dak li qalulhom ir-ragħajja. U Marija kienet iżżomm dan kollu f'moħħha u taħseb fuqu f'qalbha. U reġgħu r-ragħajja lura jsebbħu u jfaħħru 'l Alla għal kull ma semgħu u raw, bħalma qalulhom.*

(San Luqa: II, 1-20).

*ID-DIREZZJONI.*

---